MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 60/2003

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**EPS Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, tmien mija u tnejn u tletin lira Maltija u tlieta u sebghin cetnezmu (Lm1,832.73c) rapprezentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta in konnessjoni mal-'mobile phone' bin-numru 9943 9192. Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat mal-avviz u bl-interessi kontra s-socjeta' konvenuta mid-data meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fl-4 ta' Marzu 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1832.73,0 bl-imghax legali mis-27 ta' Jannar 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju tas-27 ta' Jannar 2003 u imsemmi fl-istess avviz.

--------------------------------TMIEM--------------------------------